MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru. 619/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa**
**vs**
**Marika Farrugia**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet kontra Marika Farrugia ta' 21 sena bint Michael u Antonia nee Zammit mwielda Pieta fit-2 ta' Gunju 1985 u residenti 29 Triq ix-Xoghol B'Bugia, ID330185(M).**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Ottubru 2005 kkorrompiet lil Nicolai Magrin, ezaminatur tas-sewqan, impjegat ma' l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta, ADT.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-fedina penali ta' l-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, l-istqarrija maghmula mill-imputata quddiem il-pulizija.**

**Galadarba l-imputata ammettiet l-imputazzjoni dedotta kontra taghha, din hija ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 120(1) tal-Kap 9, ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha izda flok tikkundannaha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sena millum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------